MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2007

Numru. 73/2001

**Il-Pulizija**
**(Supt. Alexandra Farrugia Mamo)**

**v**

**Joseph Micallef ta' 42 sena bin Carmel u Mary Josephine imwielda Licari, imwieled Tarxien fl-4 ta' Settembru, 1958 u residenti Lay, Dun Karm Street, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 600358(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Joseph Micallef li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, u cioe fl-Industrial Estate tal-Marsa f'Gunju, 2000 fil-hinijiet ta' wara nofsinhar, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(a) xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom, u cioe xjentement laqgha ghandu jew xtara Lab Top tal-marka DELL INSPIRON 7000, liema Lab Top kien misruq, mehud b'qerq jew akkwistat b'reat, bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta;
(b) talli fil-lok u cirkostanzi imsemmijin hawn fuq, ikkommeta serq ta' Lab Top tal-marka DELL INSPIRON 7000 u oggetti ohra, il-valur tal-imsemmi Lab Top hu ta' Lm 1553, liema Lab Top jappartjeni lil Alf Mizzi and Sons u likien gie fdat lill-impjegat taghhom J Pace, liema Lab Top kien gol-vettura ta' dan l-impjegat Pace, Subaru Impreza WAL 314, liema serq hu waklifikat bil-valur bi ksur ta' l-artikolu 267 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 1.12.93, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-artikli mibghuta mill-Avukat Generali skond liema hu mahsub li tista' tinstab htija u cioe: 334, 261(c)(g), 267, 271, 279, 280 tal-Kapitlu 9; l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9. Rat ukoll li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Din il-kawza tirrigwarda s-sejbien ta' laptop appartenenti lill-kumpanija Alf. Mizzi and Sons, liema laptop spicca fil-pussess ta' l-akkuzat.

Illi nghataw zewg verzjonijiet ta' kif l-akkuzat spicca b'dan il-lap top ghandu. Dawn iz-zewg verzjonijiet gew moghtija mill-akkuzat innifsu fl-istqarrija minnu rilaxxata fi stadju ta' investigazzjoni u meta huwa ghazel li jixhed viva voce quddiem din il-Qorti. Il-verzjoni l-ohra kienet moghtija fix-xhieda ta' Olaf Cini. Ghandu jinghad ukoll illifil-mori ta' din il-kawza xehed ukoll certu Salvatore Lo Brutto li jirrizulta mill-atti li kien prezenti ma' Cini u l-akkuzat meta nstab il-mobile in kwistjoni. Sfortunatament pero' din ix-xhieda ma tinstabx fl-atti processwali u fil-fatt qatt ma giet rintraccjata.

Il-verzjoni moghtija minn Olaf Cini hija dik li huwa vera kien fil-karozza ma' Lo Brutto u l-akkuzat, kien l-akkuzat li fil-fatt gabar dan il-laptop li kien fi triq apparentement minsi minn xihadd. Anzi f'certu hin tax-xhieda tieghu Cini jghid ukoll li l-akkuzat mhux gabar laptop li kien mitluq fil-parking area tal-fabbtriki fejn kien imam xehed li sahansitra ra lill-akkuzat jdahhal idejh go karozza hemm ipparkjata u minn hemm igib dan il-basket li aktar tard irrizult akien laptop. Jghid dan Cini li fl-istess basket tal-lap top meta fethu l-akkuzat kien hemm ukoll cheque book li kien jghajjat lil certu J. Pace, Cashlink card u karti ta' Alf. Mizzi & Sons, kif ukoll business cards ta' J. Pace.

Fil-fatt dan Jesmond Pace xehed li hu darba li wasal hdejn il-karozza tieghu bil-pet food go idu u l-laptop go id l-ohra, qieghed l-istess laptop ma' l-art gol-parking area ta' l-Industrial estate tal-Marsa, tefa l-Pet food gol-karozza u halla l-laptop warajh u saq lejn id-dar. Jghid li apparti l-laptop fil-basket kellu Cashlink, Visa Mastercard. Fil-fatt dan Jesmond Pace gharaf ukoll il-laptop misjub ghand l-akkuzat esebit bhala Dok AFM2. Ghandu jigi rilevat illi dan il-laptop jappartjeni lis-Socjeta' Alf Mizzi and Sons, ma liema socjeta' kien impjegat l-istess Jesmond Pace.

Min-naha tieghu l-akkuzat dejjem sostna kull darba lit a l-verzjoni tieghu illi l-laptop li kien misjub ghandu fil-fatt sabu Olaf Cini. Jghid l-akkuzat illi Cini u Lo Brutto kienu fil-karozza mighu u li hu kien se jwassal lil Cini l-ghassa ta' Rahal Gdid fejn kien obbligat jiffirma. DArba li kienu

fil-parking ta’ l-Industrial Estate tal-Marsa, fejn l-akkuzat kellu l-fabbrika tieghu, Cini lemah laptop ma’ l-art. Cini skond l-akkuzat gabar l-istess basket, dahhlu fil-vettura ta’ l-akkuzat u nizzlu mieghu l-ghassa ta’ Rahal Gdid. Jghid l-akkuzat li sakemm gie nfurmat minn Cini huwa lanqas biss kien jaf bil-kontenut tal-istess basket cioe li kien jikkontjeni laptop. Innega li hu kellu xi konoxxenza ta’ chque books jew credit cards li Pace kellu fil-basket tal-laptop.

Ikompli l-istess akkuzat illi Cini kien infurmah lil l-pulizija kienu qalulu li galadarba l-laptop ma kienx gie “claimed” allura setgha jiehdu lura. Ghalhekk l-akkuzat jixhed li hu kien gie m,oghti l-impressjoni illi Cini kien informa l-pulizija bis-sejba tal-laptop. Kien wara li Cini infurmah b’dana, li l-istess Cini offra lill-akkuzat dan il-laptop.

Ikkonsidrat

Illi certament mill-provi processwali jirrizulta dubju fil-verzjonijiet moghitja minn Cini u l-akkuzat. Pero’ l-verzjoni ta’ l-akkuzat issib aktar konfort ghal fatt li l-istess Jesmond Pace xehed li l-laptop nesih barra fil-parking fejn allura sabu Cini. Dan jikkontradixxi dak li xehed l-istess Cini, li l-akkuzat aktarx ha l-laptop minn go vettura. Ghalhekk jitwemment ukoll dak li qal l-akkuzat li Cini tah l-impressjoni li l-laptop setgha facilment jaghaddi ghandu ghax hekk kienu qalulu l-Pulizija.

Ghaldaqstnat inkwantu dak kollu premess din il-Qorti ma tqis ebda mir-reati addebitati lill- Joseph Micallef bhala pruvat u ghaldaqstant qed tilliberah mill-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------